



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/2270(INI)

3.3.2011

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-finanzjament u l-infurzar tal-infrastruttura tad-digi fil-pajjiżi li qed
jiżviluppaw
(2010/2270(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Nirj Deva

PR_INI

WERREJ

Pàġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-finanzjament u l-infurzar tal-infrastruttura tad-digi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2010/2270(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-istrateġija tal-enerġija tal-Bank Dinji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw¹,
 - wara li kkunsidra "r-Rapport dwar l-Iżvilupp Dinji 2010: l-Iżvilupp u t-Tibdil fil-Klima",
 - wara li kkunsidra t-Tielet Rapport tan-NU dwar l-Iżvilupp tal-Ilma fid-Dinja tal-2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-2008 "Is-Sitwazzjoni tal-Aċċess għall-Enerġija fil-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw" tal-UNDP u l-WHO,
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-2007 "Id-Digi u l-Iżvilupp: prassi rilevanti għal titjib fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Kompendju ta' prassi rilevanti għal titjib fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar id-digi u l-alternattivi tagħhom" mill-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Proġett tad-Digi u tal-Iżvilupp ,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-2008 "L-ilma ħelu jinsab mhedded. L-Asja tan-Nofsinhar. Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà tar-Riżorsi tal-Ilma Ħelu minħabba Tibdil fil-Klima" mill-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0000/2011),
- A. billi skont stimi attwali hemm aktar minn 50 000 diġa ta' daqs kbir, 100 000 diġa iżgħar u miljun diġa ta' daqs żgħir fid-dinja kollha,
- B. billi madwar 589 diġa ta' daqs kbir inbnew fl-Asja mill-1999 sal-2001 u mill-2006, 270 diġa ta' 60 metru jew oġġla ġew ippjanati jew kienu qegħdin jinbnew,
- C. billi l-UE ma tiffinanzjax l-infrastruttura tad-digi, iżda talloka riżorsi għal infrastruttura relatata mal-kummerċ, infrastruttura fiżika inklużi t-trasport u l-ħżin, il-komunikazzjoni u l-produzzjoni u l-fornitura tal-enerġija,
- D. billi mill-2007 sal-2008, is-sostenn għall-infrastruttura relatata mal-kummerċ (IRT) żdied sew (sa 75%), u minkejja li l-impenji varjaw estensivament f'dan il-qasam, iċ-ċifra totali għall-2008 ta' madwar EUR 5 biljun, tlaħħaq livell rekord,
- E. billi l-Bank Dinji huwa l-akbar finanzjatur estern fis-settur tal-ilma, b'portafoll ta' USD 20 biljun f'proġetti relatati mal-ilma li qegħdin jiġu implimentati f'aktar minn 100 pajjiż.
- F. billi n-NU tikkalkula li sal-2050 żewġ biljun persuna se tkun qed tgħix fil-preżenza tat-

¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0067.

theddida ta' dannu serju kkaġunat minn għargħar,

1. Jikkunsidra li globalment, matul dawn l-aħħar għaxar snin, ma hemm l-ebda perikolu naturali ieħor mill-għargħar li għamel aktar ħsara lill-propjetà jew li kkaġuna l-akbar telf ta' ħajja umana, minkejja l-biljuni ta' dollari li ntefqu fuq il-ġestjoni tal-għargħar;
2. Jenfasizza li kien hemm żieda dokumentata fil-frekwenza ta' għargħar serju matul it-tieni parti tas-seklu għoxrin u li l-għargħar se jirrappreżenta kwestjoni kritika fl-għexur ta' snin li ġejjin;
3. Jieħu nota li huma l-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs) li, minħabba n-nuqqas ta' sistemi ta' allarm bikri, kostruzzjoni tal-bini inaffidabbli u n-natura prekarja tal-ekonomiji tagħhom, huma l-aktar vulnerabbli għall-effetti tal-għargħar u se jibbenefikaw l-aktar mill-implimentazzjoni ta' infrastrutturi tad-digi effikaċi;
4. Jieħu nota wkoll li minħabba li huwa fatt dokumentat li s-silġ glaċjali qiegħed idub b'rata mgħaġġla aktar, speċjalment fil-Ħimalajas u fl-Andes, reġjuni fil-muntanji huma aktar fil-periklu li jintlaqtu minn għargħar jew avalangi;
5. Juri dispjaċir għan-nuqqas totali ta' miżuri kontra l-għargħar f'ħafna LDCs, u jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar infrastrutturi tad-digi u infrastrutturi tad-digi sostenibbli f'reġjuni fejn hemm riskju kritiku minħabba għadajjar glaċjali, li qed jiżdied minħabba tisħin globali u depożiti ta' karbonju iswed, li t-tnejn huma ppruvati li jaċċeleraw id-dewbien glaċjali;
6. Jenfasizza li minħabba d-dewbien glaċjali, għadajjar glaċjali naturali jespandu malajr sal-punt fejn ikunu se jfuru u dan l-avveniment jikkaġuna għargħar immisla mill-fawra ta' għadajjar glaċjali (GLOFs);
7. Ifakkar id-diżastru traġiku tal-1941, meta l-belt ta' Huaraz, fil-Peru, iġġarfet minħabba li faret diġa glaċjali, u mietu 4 500 persuna;
8. Ifakkar li għargħar f'LDCs huma ta' theddida mhux biss għal ħajja tan-nies iżda għall-iżvilupp taż-żona wkoll; ifakkar li GLOF, li seħħ fl-1985 u li oriġina minn għadira glaċjali fi Kumbu Himal, fin-Nepal, qered il-proġett Namche Small Hydel li kien kważi tlesta;
9. Jenfasizza li l-ICIMOD (Iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp Integrat fil-Muntanji) identifika aktar minn 8 000 għadira glaċjali biss biss fil-Ħimalajas, li 203 minnhom, minħabba n-natura tal-lokalità fejn jinsabu u l-instabbiltà ta' art naturali li sservi ta' diġa (moreni), jitqiesu bħala potenzjalment perikolużi;
10. Jenfasizza li l-għadajjar glaċjali identifikati fil-Ħimalajas jespandu minn fuq tmien pajjiżi - l-Afganistan, il-Bangladesh, il-Butan, iċ-Ċina, l-Indja, il-Myanmar, in-Nepal u l-Pakistan - u f'dawn l-aħħar ħamsin sena ġew identifikati 20 għargħar ta' ħeffa kbira, ħafna minnhom ta' natura transkonfinali, li seħħew meta faru digi glaċjali;
11. Jenfasizza li fin-Nofsinahr tal-Asja huwa stmat li 1.3 biljun persuna jiddependu fuq l-għaxar sistemi perinnjali identifikati tax-xmajjar, mitmugħa minn 16 000 glaċjali fil-Ħimalajas; iħeġġeġ lill-UE biex tipprijoritizza r-reġjun sabiex ikunu evitati diżastri umanitarji futuri kkaġunati minħabba żieda fil-frekwenza tal-perikli mmissla minn spostar

tal-ilma.

12. Jenfasizza wkoll li ż-żoni, tal-LDCs, minn fejn jgħaddi l-fluss tal-ilma, jgħixu minn fuq riżorsi naturali li jinsabu f' baċinji tal-ixmajjar u huma fost l-aktar żoni agrikoli rikki fid-dinja. ifakkar li kemm it-tkabbir ekonomiku rapidu taċ-Ċina kif ukoll dak tal-Indja huwa dovut parzjalment għall-istatus konġunt tagħhom bħala l-akbar produtturi tar-ross, u l-biċċa l-kbira tal-eżitu tagħhom jiġi mill-baċinji tal-ixmajjar tal-Ganges, il-Yangtze u x-Xmara Safra, li lkoll jinsabu fil-periklu li jintlaqtu minn GLOFs;
13. Huwa tal-fehma li sakemm ż-żoni agrikoli li jipproduċu ħafna ma jiġux protetti mill-effetti tal-għargħar, ekonomiji emerġenti jistgħu jesperjenzaw waqfien f'salt fl-iżvilupp tagħhom u problema fis-sikurezza tal-ikel, li kull ma tmur tibqa' tikber;
14. Jenfasizza li mingħajr informazzjoni attwali ddettaljata dwar iż-żoni fir-riskju minn perikli kkaġunati minn spostar tal-ilma, l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' allarm bikri, il-kostruzzjoni ta' digi u l-monitoraġġ ta' għadajjar glaċjali, il-koll se jirrappreżentaw komplitu li diffiċli jitwettag;
15. Jenfasizza li faċilitajiet ta' infrastruttura maġġuri, importanti għall-promozzjoni tal-oġettivi tal-politika tal-UE dwar żvilupp sostenibbli u t-tiżiħ fis-sikurezza tal-ikel b'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, jinsabu f'riskju akbar li jintlaqtu ħażin mill-effetti tal-għargħar, u għandhom jiġu slavagwardjati;
16. Iħeġġeġ li l-kostruzzjoni u t-tiżiħ tad-digi f'LDCs mhuwiex biżżejjed biex jiġu salvagwardjati żoni vulnerabbli u jitlob għal sforz konġunt biex il-problema tiġi indirizzata mill-għeruw tagħha, u mhux sempliċiment mis-sintomi, biex b'hekk il-flus mit-taxxi li jħallsu ċ-ċittadini tal-UE ma jintefqux fix-xejn.
17. Jenfasizza li l-karbonju iswed jibqa' kawża prevalenti fid-dewbien glaċjali, daqs id-diossidu tal-karbonju;
18. Iħeġġeġ azzjoni immedjata biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju iswed bħala metodu ta' azzjoni fil-pront biex jitwaqqaf id-dewbien glaċjali; jirrakkomanda li, minħabba l-ħajja atmosferika qasira tal-karbonju iswed, mitigazzjoni maqgħuda permezz ta' strateġiji ta' azzjoni fil-pront, jistgħu jtaffu drammatikament u rapidament it-theddida tal-GLOFs;
19. Jistieden lill-UE biex tippromwovi t-teknoloġija eżistenti li tnaqqas drastikament l-emissjonijiet tal-karbonju iswed; ikompli jħeġġeġ li regolamenti li jipprojbixxu tattiċi aqta' u aħraq fil-foresti, li jinfurzaw testijiet regolari u stretti dwar l-emissjonijiet tal-vetturi, li jillimitaw il-ħruq tal-bijomassa u li jissorveljaw l-emmissjonijiet annwali ta' impjanti għall-produzzjoni tal-elettriku, għandhom jiġu appoġġjati u mħeġġa;
20. Jistieden lill-UE, fid-dawl tan-natura transkonfinali tal-GLOFs, biex trawwem djalogi bejn il-pajjiżi bl-għan li jiġu żviluppanti politiki li jindirizzaw id-diżastri naturali u jħeġġeġ l-investimenti xierqa għall-protezzjoni mill-għargħar tal-pajjiżi fir-reġjun Hindu Kush-Ħimalajas;
21. Jirrakkomanda l-formazzjoni urġenti ta' aġenzija transkonfinali, stabbilità skont l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, li jkollha r-rwol ċar li tqassam dejta disponibbli, tindirizza l-

problema u l-kawżi ta' perikli transkonfinali mnisla minn spostar tal-ilma u tipproponi miżuri xierqa ta' adattament u mitigazzjoni;

22. Jissuġġerixxi wkoll li proġetti tad-digi jistgħu jiġu implimentati faċilment bħala dawk msejħa proġetti "rebħa-rapida" sakemm jintlaħqu għadd ta' kriterji soċjali, ekonomiċi u ambjentali;
23. Iħeġġeġ lill-UE biex ssegwi politiki ta' ġestjoni 'soft-path' (ta' fehim u adattament), u tippromwovi l-infrastruttura tad-digi, biex bihom jiġu indirizzati l-għargħar; jirrikonoxxi li l-kundizzjonijiet għall-għargħar mhumiex statiċi u bħala tali jesigū approċċ flessibbli; jitlob għal titjib fit-tbassir tal-għargħar, fil-protezzjoni li bini individwali jista' joffri kontra l-għargħar u għall-iżvilupp tal-ħżin tal-ilma minn għargħar u ta' sistemi li jidderieġu l-flussi tal-ilma.
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.